

UNJONI EWROPEA



**Kumitat tar-Reġjuni**

**RAPPORT ANNWALI DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ 2013**

**– Sommarju eżekuttiv –**

## RAPPORT ANNWALI DWAR IS-SUSSIDJARJETÀ 2013

### – Sommarju eżekuttiv –

Fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni għall-2013, is-Sur Barroso, il-President tal-Kummissjoni tal-UE, enfasizza l-importanza ta' regolamentazzjoni intelliġenti u ddikjara li l-Unjoni Ewropea teħtiegħ li tkun *"ikbar fuq l-affarijiet kbar u iżgħar fuq l-affarijiet iżgħar"*, filwaqt li saħaq fuq l-importanza tas-sussidjarjetà u wera l-fehma li *"is-sussidjarjetà mhix kunċett tekniku. Dan huwa prinċipju demokratiku fundamentali. Unjoni dejjem aktar magħquda fost iċ-ċittadini tal-Ewropa, titlob li d-deċiżjonijiet jittieħdu bl-aktar mod miftuħ possibbli u fl-iktar punt qrib tal-poplu possibbli."*<sup>1</sup>

Il-KtR huwa impenjat li jiżgura u jiffaċilita l-applikazzjoni effettiva tal-prinċipju tas-sussidjarjetà u jgħabrek biex isir punt ta' referenza f'termini ta' sussidjarjetà fi ħdan l-UE. Għamel hekk matul l-2013 meta implimenta l-miżuri li jiffurmaw parti mill-programm ta' ħidma tas-sussidjarjetà tiegħu, li huma riflessi f'dan ir-raba' Rapport Annwali dwar is-Sussidjarjetà. Barra dan, fl-2013 il-KtR ħadem biex jistabbilixxi ftehim<sup>2</sup> mal-Parlament Ewropew li jkopri wkoll kooperazzjoni biex jiġi żgurat ir-rispett tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Fl-2012, il-KtR rreveda l-istrateġija tiegħu ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà, saħħaħ il-governanza tagħha u waqqaf approċċ komprensiv għall-monitoraġġ, u l-2013 kienet l-ewwel sena li fiha tqiegħdu fil-prattika dawn l-elementi ġodda. Fl-2013, l-aktar ħaġa ġdida għall-KtR fil-qasam tal-monitoraġġ tas-sussidjarjetà kienet l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-ewwel Programm ta' Ħidma tiegħu tas-Sussidjarjetà<sup>3</sup>. Il-programm ta' ħidma kien jinkludi ħames inizjattivi<sup>4</sup>, magħżula mill-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea skont ċerti kriterji<sup>5</sup>, sabiex jiġu monitorjati b'attenzjoni speċjali rigward il-konformità tagħhom mas-sussidjarjetà.

---

1 [http://europa.eu/rapid/press-release\\_SPEECH-13-684\\_mt.htm](http://europa.eu/rapid/press-release_SPEECH-13-684_mt.htm).

2 Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, iffirmat fil-5 ta' Frar 2014.

3 CdR 2336/2012, adottat mill-Bureau tal-KtR fit-30 ta' Jannar 2013.

4 1. Reviżjoni tal-politika u l-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart; 2. Il-Pakkett dwar il-Portijiet (issostitwixxa l-inizjattiva "Ċinturin Blu" li ntagħżlet fil-bidu); 3. Il-Mobbiltà Urbana; 4. Il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku; u 5. Qafas ta' valutazzjoni tal-ambjent, il-klima u l-enerġija għal estrazzjoni tal-idrokarburi mhux konvenzjonali b'mod sigur u mingħajr perikli

5 a) l-inizjattivi għandhom jippreżentaw interess politiku ċar għall-awtoritajiet lokali u reġjonali;

b) l-inizjattivi għandhom jolqtu l-kompetenzi tal-awtoritajiet lokali u reġjonali;

c) l-inizjattivi għandu jkollhom dimensjoni tas-sussidjarjetà potenzjali.

## Inizjattivi monitorjati u s-sussidjarjetà f'opinjonijiet tal-KtR

- **Ir-reviżjoni tal-politika u l-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart:** Il-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà u n-Netwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà ġew ikkonsultati dwar dawn il-kwistjonijiet peress li, fil-maġġoranza tal-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma responsabbli għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart<sup>6</sup>. Il-konsultazzjoni żvelat elementi importanti relatati mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, li ddaħħlu fl-opinjoni tal-KtR<sup>7</sup>.
- **Il-Pakkett tal-Portijiet<sup>8</sup>:** Minħabba tħassib li l-proposta tista' ma tieħux biżżejjed kunsiderazzjoni ta' kundizzjonijiet lokali u reġjonali speċifiċi fl-Ewropa, fuq ir-REGPEX tnediet konsultazzjoni tal-parlamenti reġjonali u l-gvernijiet dwar temi marbutin mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fl-istess perjodu ta' żmien ta' tmien ġimgħat tal-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija<sup>9</sup>. Ġie konkluż li l-prinċipju tas-sussidjarjetà kien irrISPettat, għalkemm instabu xi kwistjonijiet ta' proporzjonalità. Barra minn hekk, il-KtR u ESPON organizzaw flimkien sessjoni ta' ħidma għall-valutazzjoni tal-impatt territorjali<sup>10</sup>, din hija l-ewwel darba li l-KtR kien involut f'valutazzjoni tal-impatt territorjali bl-użu tal-metodoloġija Quick Scan.
- **Il-fatturar elettroniku fl-akkwist pubbliku<sup>11</sup>:** Fuq ir-REGPEX tnediet konsultazzjoni tal-parlamenti reġjonali u l-gvernijiet dwar temi marbutin mas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità fl-istess perjodu ta' żmien ta' tmien ġimgħat tal-Mekkaniżmu ta' Twissija Bikrija, fid-dawl tal-impatt potenzjali ta' din l-inizjattiva fuq l-ispejjeż u l-piżijiet amministrattivi fil-livelli lokali u reġjonali<sup>12</sup>. Ħafna mill-kontributi kkonkludew li l-prinċipju tas-sussidjarjetà ġie mħares, iżda xorta tqajmu kwistjonijiet, partikolarment fir-rigward tal-proporzjonalità. B'mod speċjali ġie enfasizzat li l-proposta ma kkunsidratx biżżejjed il-perspettiva tal-awtoritajiet lokali u reġjonali.
- **Il-mobbiltà urbana:** Il-KtR ħa sehem fil-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni Ewropea permezz ta' sessjoni ta' ħidma organizzata flimkien mal-awtoritajiet lokali u reġjonali L-esperti fis-sessjoni ta' ħidma ikkonkludew, fost oħrajn, li l-introduzzjoni ta' rekwiżiti obligatorji se tkun prematura, iżda l-introduzzjoni ta' indikaturi komuni tal-prestazzjoni u l-valutazzjoni komparattiva għall-ibliet jistgħu jkunu interessanti ħafna. Peress li l-inizjattiva ġiet ippubblikata fi tmiem l-2013 ġiet ttrasferita fil-Programm ta' Ħidma tas-Sussidjarjetà għall-2014.

---

6 [CoR - Waste Consultation Report.](#)

7 CdR 1617/2013.

8 CdR 3610/2013.

9 [CoR - Ports Package.](#)

10 In-Netwerk Ewropew għall-Osservazzjoni tal-Iżvilupp u l-Koeżjoni Territorjali.

11 CdR 5277/2013.

12 [CoR - E-invoicing in public procurement.](#)

- **L-estrazzjoni tal-idrokarburi mhux konvenzjonali:** Kien hemm dewmien għal din l-inizjattiva u ġiet ppubblikata biss f'Jannar 2014. Huwa ukoll għalhekk li ġiet ttrasferita fil-Programm ta' Ħidma tas-Sussidjarjetà għall-2014.

Barra minn hekk, barra mill-qafas tal-programm ta' ħidma, il-Grupp ta' Esperti tas-Sussidjarjetà ġie kkonsultat dwar it-tħejjija ta' Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar *Id-deċentralizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea u l-lok tal-awtonomija lokali u reġjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE*<sup>13</sup>.

B'hekk, il-KtR ikkontribwixxa għal valutazzjonijiet tal-impatt speċifiċi tal-Kummissjoni Ewropea permezz tar-riżultati tas-sessjonijiet ta' ħidma dwar il-Pakkett tal-Portijiet u dwar il-Mobbiltà Urbana, li ffukaw fuq id-dimensjoni territorjali tal-inizjattivi proposti. Barra minn hekk, l-Opinjoni dwar *Il-valutazzjoni tal-impatt territorjali*<sup>14</sup>, adottata fl-2013, wittiet it-triq għall-iżvilupp ta' Strateġija għall-Valutazzjoni tal-Impatt Territorjali, li se titnieda fl-2014. Bis-sehem tiegħu fil-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, il-KtR qed ifittex li jikkontribwixxi għall-isforzi interistituzzjonali mmirati lejn tfassil aħjar tal-liġijiet.

L-analiżi tas-sussidjarjetà fl-opinjonijiet tal-KtR fl-2013 wriet li tnejn minnhom biss qajmu tħassib fir-rigward tal-konformità tal-inizjattivi leġislattivi tal-UE mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Dawn kienu: l-Opinjoni dwar *ir-Reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Istima tal-impatt fuq l-ambjent*<sup>15</sup> u l-Opinjoni dwar *Proposta għal Direttiva għall-ippjanar spazjali marittimu u għall-ġestjoni integrata tal-kosta*<sup>16</sup>. Barra minn hekk, fl-Opinjoni dwar *Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali*<sup>17</sup>, kif ukoll l-Opinjoni dwar *il-Manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati*<sup>18</sup>, il-KtR qajjem tħassib fir-rigward tal-użu ta' atti ddelegati.

## Is-6 Konferenza dwar is-Sussidjarjetà

Is-6 Konferenza dwar is-sussidjarjetà<sup>19</sup>, l-avveniment prinċipali tas-sena rigward is-sussidjarjetà, ġiet organizzata mill-KtR u l-Bundesrat Ġermaniż fit-18 ta' Diċembru 2013. Din laqqgħet flimkien rappreżentanti prominenti mill-istituzzjonijiet tal-UE, il-parlamenti nazzjonali u reġjonali, kif ukoll akkademiċi, biex tivvaluta l-qagħda u l-impatt tal-prinċipju tas-sussidjarjetà fuq it-tfassil tal-liġijiet tal-UE fl-era ta' wara Lisbona. Il-konklużjonijiet ewlenin ta' dan is-sitt forum bijennali, interistituzzjonali u forum f'diversi livelli kienu, l-ewwel nett, li l-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa kejl tal-leġittimità demokratika tal-leġislazzjoni tal-UE, filwaqt li tiżgura li d-deċiżjonijiet jittieħdu fil-livell l-aktar adatt u tgħin biex jitfasslu politiki għall-benefiċċju taċ-ċittadini kollha tal-UE.

13 CdR 2214/2012, [Consultation of the Subsidiarity Expert Group on Devolution](#).

14 CdR 29/2013, [CoR - Assessment on Territorial Impacts](#).

15 CdR 591/2013.

16 CdR 3766/2013.

17 CdR 5295/2013.

18 CdR 2062/2013.

19 [CoR - 6th Subsidiarity Conference](#).

It-tieni nett, il-kooperazzjoni interistituzzjonali dwar il-monitoraġġ tas-sussidjarjetà ġabet valur miżjud ċar, u għandha tiżdied sabiex il-prinċipju tas-sussidjarjetà jiġi applikat b'mod effettiv kemm jista' jkun. It-tielet nett, is-sussidjarjetà bħala kunċett kostruttiv kisbet aktar importanza permezz tad-diskussjoni dejjem tikber dwar il-limiti ta' azzjoni tal-UE u din għandha tkun fil-qalba ta' dan id-dibattitu. Il-KtR esprima l-impenn tiegħu sabiex titrawwem "kultura ta' sussidjarjetà", b'rabta ċara mal-governanza f'diversi livelli, għax il-monitoraġġ tas-sussidjarjetà jista' jkun effettiv biss jekk ikun ibbażat fuq kooperazzjoni ġenwina bejn il-livelli kollha rilevanti ta' governanza.

### **Attivitajiet oħrajn ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà**

Il-KtR kompla jaġġorna aktar ir-REGPEX<sup>20</sup>, li hija għodda bbażata fuq l-internet għal reġjuni b'setgħat leġislattivi, li issa tinkludi mappa interattiva tar-reġjuni li għandhom setgħat leġislattivi u profili dettaljati ta' kull Parlament reġjonali. Din tipprovdni wkoll formola standard bl-Ingliż għas-sommarji tal-analiżi tas-sussidjarjetà. Sabiex jevalwa l-esperjenza tas-Sistema ta' Twissija Bikrija u jxerred eżempji tal-aħjar prattiki, il-KtR ppubblika studju dwar *Is-sistema ta' twissija bikrija dwar is-sussidjarjetà fit-Trattat ta' Lisbona – ir-rwol tal-parlamenti reġjonali b'setgħat leġislattivi u l-awtoritajiet sottonazzjonali oħra*<sup>21</sup>. L-istudju jqabbel u jivvaluta l-involvement tal-parlamenti reġjonali b'setgħat leġislattivi u l-involvement ta' assembleji reġjonali oħra u l-partijiet interessati rilevanti fis-Sistema ta' Twissija Bikrija wara t-Trattat ta' Lisbona, u jiddeskrivi l-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni u l-identifikazzjoni tal-aħjar prattiki.

### **Konklużjonijiet**

Fl-2013 il-monitoraġġ tas-sussidjarjetà tal-KtR ġie kkonsolidat iktar permezz tal-implimentazzjoni tal-istrateġija riveduta għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà. Bis-saħħa ta' għodod ta' monitoraġġ affidabbli, il-KtR afferma mill-ġdid l-approċċ komprensiv tiegħu ta' monitoraġġ tas-sussidjarjetà bħala responsabbiltà matul iċ-ċiklu kollu tat-teħid tad-deċiżjonijiet, bil-għan li jintervjeni kmieni kemm jista' jkun. Permezz tal-ewwel Programm ta' Ħidma tas-Sussidjarjetà tiegħu, il-KtR ħa fidejh il-monitoraġġ tal-inizjattivi tal-UE kmieni fil-katina ta' attivitajiet. Il-governanza politika pprovduta mill-Grupp ta' Tmexxija tas-Sussidjarjetà u l-għodod ta' monitoraġġ disponibbli, bħan-Netzwerk għall-Monitoraġġ tas-Sussidjarjetà, il-Grupp ta' Esperti u tas-Sussidjarjetà u r-REGPEX, għenu biex il-KtR jirnexxielu jwettaq dan l-inkarigu b'suċċess u jħejji biex jistħarreġ aktar possibiltajiet għall-monitoraġġ tas-sussidjarjetà. Għaldaqstant, il-KtR se jikkunsidra kwistjonijiet relatati oħra fil-qasam (bħal valutazzjoni tal-impatt territorjali) għall-benefiċċju tal-awtoritajiet lokali u reġjonali u, b'riżultat ta' dan, taċ-ċittadini kollha tal-UE. L-għan ta' Programm ta' Ħidma tas-Sussidjarjetà li jmiss se jkun li jsaħħaħ il-mudelli stabbiliti ta' kooperazzjoni fi ħdan il-KtR u ma' sħab esterni oħrajn, sew jekk ikunu l-istituzzjonijiet tal-UE, il-parlamenti nazzjonali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali jew assoċjazzjonijiet.

---

20

[CoR - REGPEX.](#)

21

[Study \*The Subsidiarity Early Warning System of the Lisbon Treaty – the role of regional parliaments with legislative powers and other subnational authorities.\*](#)

Is-sussidjarjetà mhijiex biss kwistjoni ta' aktar jew inqas leġislazzjoni fil-livell tal-UE. Is-sussidjarjetà tfisser leġislazzjoni fil-livell it-tajjeb, kemm jista' jkun mill-qrib ta' ċittadin, u huwa ovvju li hemm bżonn li nnaqqsu id-distakk li nholq bejn l-UE u ċittadini tagħha. Il-KtR huwa impenjat li jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kultura tas-sussidjarjetà u se jkompli jaqdi dan l-impenn tiegħu billi jsaħħaħ il-monitoraġġ tas-sussidjarjetà, ikomplu jiżviluppa l-għodod ta' monitoraġġ tiegħu u jsaħħaħ il-koperazzjoni interistituzzjonali.

---